GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

9 t'Awwissu 2025

Imħallef Emeritu Antonio Mizzi

Għażiż Sur Imħallef,

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lili bl-Artikoli 3 u 4 tal-Att dwar l-Inkjesti (Kapitolu 273 tal-Liġijiet ta' Malta), qiegħed inwaqqaf Bord magħmul mis-Sinjurija tiegħek, mis-Sa Nancy Caruana u Sa Maria Micallef, sabiex tmexxi inkjesta amministrattiva bil-għan li tistabilixxi l-fatti u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-każ ta' frodi u misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi mill-MCAST.

It-termini ta' referenza huma dawn:

a) Li jiġu stabbiliti l-fatti, il-proċessi, il-proċeduri u s-sistemi tal-MCAST dwar il-payroll bil-għan li jiġu stabbiliti r-responsabbiltajiet amministrattivi, ċivili u/jew kriminali fejn ikun applikabbli.

b) Li jiġi investigat u stabbilit jekk kienx hemm relazzjoni bejn il-proċessi, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet meħuda minn uffiċjali tal-MCAST għal dan il-każ ta' frodi u misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.

c) Li jiġi stabbilit jekk fis-sistemi kurrenti utilizzati mill-MCAST hemmx mekkaniżmu awtomatiku li jidentifika attivitajiet suspettużi jew ta' natura li ma tirriflettix governanza tajba.

d) Il-Bord ta' Inkjesta hu awtorizzat jaħtar kwalunkwe espert li jkun meħtieġ.

e) Sabiex tislet il-konklużjonijiet u jitressqu dawk ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji, kemm regolatorji kif ukoll amministrattivi fl-MCAST.

Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
**T** +356 2598 2860 **M** +356 9947 7961 **E** clifton.grima@gov.mt
**www. education.gov.mt**

C.G

L-inkjesta għandha titmexxa b'mod li ma tfixkilx u ma tippreġudikax l-integrità ta' xi investigazzjoni, inkjesta jew prosekuzzjoni kriminali, jew ta' kwalunkwe provedimenti legali oħra pendenti relatati mal-każ li huwa s-suġġett ta' din l-inkjesta amministrattiva.

Ir-rapport tal-inkjesta għandu, ġentilment, jiġi ppreżentat lili sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data tal-ħatra tal-Bord ta' Inkjesta, mingħajr preġudizzju għat-twettiq xieraq tat-termini ta' referenza.

Ġentilment qed tkun mistieden tirrakkomanda x'kunsiderazzjonijiet għandhom jittieħdu dwar il-pubblikazzjoni tar-rapport, partikolarment sabiex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tal-MCAST.

Inselli għalik u nirringrazzjak.

Clifton Grima

Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
**T** +356 2598 2860 **M** +356 9947 7961 **E** clifton.grima@gov.mt
**www. education.gov.mt**